# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Sarah Zerafa]

vs

Mohamed Rajab Ali Alsagheer

Kumpilazzjoni Numru: 44/2020

Illum, 18 ta' Mejju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mohamed Rajab Ali Alsagheer detentur ta' passaport Libjan bin-numru HHR7R14Z u numru tar-

Ref Com 18358/15 akkuzat talli nhar it-13 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' 22:30hrs minn Triq M. Valperga, Fgura:-

1. Ikkommetta serq ta' basket li kien fih zarbun tad-ditta nike, speaker u mobile phone u/jew oggetti ohra, minn vettura tal-ghamla Nissan Juke bin-numru ta' registrazzjoni LOL 828, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Corinne-Caroline Falzon u/jew persuni ohra.

2. Volontarjament hassar jew ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Nissan Juke bin-numru ta' registrazzjoni LOL 828 jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) u dan ghad-detriment ta' Falzon Corinne-Caroline u/jew ta' persuni ohra.

3. Bil-hsieb li jwettaq serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u bil-hin, minn vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni LCQ 581, wera b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

4. Volontarjament hassar jew ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni LCQ 581 jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin ewro (250) u dan ghad-detriment ta' Njem Faiez u/jew ta' persuni ohra.

5. U talli zamm fil-pussess tieghu, garr 'l barra minn xi fond jew d'intorni tieghu, sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta hija minghajr il-licenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat **Mohamed Rajab Ali Asagheer** bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, meta hu kien gie misjub hati u kkudannat ghall-reati, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti

jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 49, 50, 289, 278(3) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat Mohamed Rajab Ali Alsagheer u stante li l-imputat Mohamed Rajab Ali Alsagheer rega' ikkonferma ghal darb'ohra l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti spjegatlu bi kliem car il-piena li jista' jehel, qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) reat huwa mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza u stante li r-raba' (4) akkuza hija mezz ghall-fini tat-tielet (3) akkuza tikkundannah ghall-piena ta' tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija kif ukoll Ordni ta' Trattament ghall-istess perjodu taht l-Art. 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll konfiska u distruzzjoni tal-arma misjuba fir-reat.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat Mohamed Rajab Ali Alsagheer ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**